# Kunsill Lokali Gżira

20 ta' April 2021

**Ref Nru. 29/2021**

Minuti tal-laqgħa Urgenti Nru. 29/2021 li saret il-Gimgħa 16 ta' April 2021

Il-Kunsilli ltaqa' permezz ta onlajn meeting fuq Zoomi fil-5pm.

**Preżenti**

Tmien membri li kienu s-Sindku Conrad Borg Manché, il-Vici Sindku Ralph Mangion, il-Kunsillieri Neville Chetcuti, Ian Buhagiar, Alexander Zammit, Jeremy Cardona, Jessica Borg u Hugh Caruana flimkien mal- Agent Segretarju Eżekuttivv Claire Goodlip

**Skuzati**

Shaun Farrugia

**Chairman**

Is-Sindku Conrad Borg Manché ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li hareg fl- 12 ta' April 2021

## 29.1 Small Grand Scheme Presentation

29.1.1 Ħarsa Ġenerali – L-Agent Segretarju Ezekuttiv tgħat presentation fuq xiex tikkonsisti din l-skema, mgħofrija mil-European Economic Area (EEA) u Norwegian Funds. L-iskop tal-iskema huwa li jiġu indirizzati l-inugwaljanzi u d-diffikultajiet soċjoekonomiċi li jiltaqgħu magħhom il-lokalitajiet urbani. Din l-skema ser tkun qed tappoġġja proġetti li jilħqu r-riżultat tat-tnaqqis tal-faqar u l-iżvilupp lokali.

Data ta’ Skadenza għal-applikażżjoni - 31 ta Mejju 2021

Il-proġett għandu jkun implimentat kompletament fi żmien 12-il xahar mill-iffirmar tal-kuntratt tal-għotja mal-operatur tal-fond

Il-kunsill lokali huwa eliġibbli għal għotja minima ta 'Euro 25,000 sa Euro 100,00 b'rata ta' kofinanzjament ta '15%

## 29.2 Proposta tal-Proġett

29.2.1 Xiri ta '3D Printers li jippermettu lill-kunsill li jimmanifattura Green Walls ġewwa il-lokalità.

29.2.2 Ix-xiri ta 'materjali meħtieġ sabiex jiġi manifatturat Green Wall fil-lokalità.

29.2.3 Proġett Pilota li se jikkonsisti fil - manifattura u l - installazzjoni ta’ Green Wall fl - lokalità

## 29.3 Għażliet tal-Proġett Pilota

29.3.1

- Housing Estate
- Stadium Wall
- Gzira Primary Wall
- Stella Maris College

**29.4 Rekwiżiti Oħra**

29.4.1
- Survey Inizjali - Inizjalment iffinanzjat mill-Kunsill Lokali
- Survey Finali

29.4.2 Il - permessi relatati kollha biex jiġi installat il - Green Wall għall - Internet Permessi għal proġett pilota

29.4.3 Il-Kunsill huwa intitolat l-ammont ta 'Euro 5,000 għall-istħarriġ jekk il-proġett hu approvat

**29.5 Għoti ta 'Proġett**

29.5.1 Il-proġett se jkun evalwat permezz ta 'punteġġ skont dawn li ġejjin magħżula kriterji. Proġetti ta 'suċċess jingħataw biss jekk ikunu rrakknkjati b'punteġġ ta' aktar 60% u għandhom jgħaddu l-erba 'li ġejjin:

- Disponibbiltà tal-eżekuzzjoni tal-proġett
- Rilevanza tal-proġett
- Kwalità tal-proġett, disinn u implimentazzjoni
- Impatt u tixrid

**29.6 Intervent ta' Fabian Borg**

29.5.1 Fabian Borg beda billi jgħid li b'dan il-progett il-Kunsill qed jimmira biex inaqqas il-faqar fis-saħħa tal-komunita Ġzirjana u in-nuqqas ta' arja nadifa ikkawżata minn ħafna fatturi fosthom kostrużżjoni, nuqqas ta' Green Areas, traffiku u ammont elevat tal-popolażżjoni fir-residenża tal-Ġzira. Il-Progett ha jagħti sens ta' kontinwita' għal-fatt li jemalgama ma' progetti li il-Kunsill diga' qed jwettaq għal-ambjent.

29.5.2 L-idea ta' dan il-progett sabiex jinxtraw 3D Printers ġejja mil-fatt li l-apparat modulari li tintuza għal Green Wall tohloq diffikulta fil-lokalita peress li ħafna mil-bankini fil-lokalita huma dojoq, eventwalment ma jħallux biżżejjed spazju biex wieħed jimxi fuq il-bankina u jinzammu l-

standards meħtiega. L-iskop tad 3D Printers huwa fil-fatt biex jiġi manifatturat l-apparat fid-djuq meħtieg biex jinzammu l-standards.

29.5.3 Permezz tal-projetti l-oħra, l-esperti botanici u dawk ta' l-Universita ta' Malta ser inkunu nistaw naraw liema pjanti huma ideali sabiex il-progett ikun kemm sostenibli, kif ukoll nimmassimiżżaw l-arja pura li dawn il-Green Wall ha jiġġeneraw.

29.5.4 Fuq mistoqsija tal-Kunsillier H.Caruana, Fabian spjega li bil-progett Varcities ħa inkunu qedin nimmiraw Triq Rue D'Argen, filwaqt li bil-Just Nature il-mira hija Triq ta' Sliema, biex hekk inkunu ikkaverjajna zewġ toroq principali. Fuq is-suggeriment tal-kunsillier sabiex nimmira Triq x-Xatt, Fabian stqar li fit-triq imsemmija ma hemm l-ebda propjeta lokali u il-fatt tiffaccja Marsamxett u l-baħar diga minnha innifisha diġa ticcirkola l-arja.

29.5.5 Punt kritiku li semmgħa Fabian huwa il-perijodu qasir li l-Kunsill għandu biex jimplimenta dan il-progett. Apparti minn hekk huwa importanti fejn ser isir il Progett Pilota u l-importanża li jkun hemm il-permessi kollha mitlubgħa biex jitwahhal il-Green Wall.

## 29.6 Diskussjoni u Mistoqsijiet

29.6.1 Interviena il-kunsillier A.Zammit fejn saqsa x'materjal ha jintiża fid-3D Printers, fejn Fabian qal li ħa jintuza l-standard 3D filament (PLA) imma ħa jsir mezz biex jinxtara il-plastik reċiklabbli.

29.6.2 Il-Kunsillier A.Zammit saqsa ukoll rigward manutenżżjoni tal-Green Wall. Fabian irrisponda li l-Kunsill għadu f'diskussjoni mal-Meusec sabiex jiffinaliżża id-dettalji.

29.6.3 L-stess Kunsillier A.Zammit qal ukoll li dan id-3D Printers ser ikun propjeta tal-Kunsill fejn dawn jistaw jintużaw għal progetti ohrajn. Fabian ikkonferma dan kollu u il-Kunsill qed jara dan anki bħala investiment.

29.6.4 Fabian infurma lil-Kunsill li peress li il-progett huwa partikulari, minn naha tal-Gvern kellhom idawru xi affarijiet sabiex jakkomodaw din l-idea li tant intlaqat. Għaldaqstant il-Kunsill għadu qed jistenna risposti fundamentali għal-progett u s-sostenibilita' tiegħu.

29.6.5 Il-Kunsillier A.Zammit qal li jrid isir plan ta' kotinġenza (monitaruju) fejn jidhlu r-riżorsi umani, f'kas li jkun hemm bzonn iktar riżorsi jew jitnaqqas l-ammount preżenti.

29.6.6 L-Agent Segretarju Eżekuttiv sostniet li f'dan l-istadju il-Kunsill irid jagħti indikażżjoni jekk iridx ikompli miexi bil-projett jew le. Il-Kunsillier H.Caruana tenna' li f'dan l-istadju bikri bi ftit informażjoni ta x'sa tkun l-ispiża u fatturi importanti lid diġa isemmew, huwa difficli bil-Kunsill jiehu deciżjoni. Intervjena s-Sindku fejn qal li bħal kawlunkwe proġett dan inbeda mil-bidu u għadu fi stadju bikri. Sostna li l-informażżjoni trid tinġabar ftit ftit, pero lanqas jistaw jingħataw informażżjonijiet fejn għadu lanqas ma hu deċiż fejn ser isir il Progett Pilota. Dan mhux ħa jkun l-ewwel Green Wall li qatt sar.

29.6.7 Il-Kunsillier J.Cardona staqsa li minħabba li fil-passat kien hemm progetti ma ħadnihomx, x'jista jagħmel il-Kunsill biex itejjeb l-applikażżjoni tieghu. Is-Sindku wieġeb li dan l-ahhar erbagħsnin il-Kunsill rebaħ tliet progetti. Semmgħa ukoll li mihiex kwistjoni li tagħmel xi aġa ħazina, imma meta titħol f'kompetiżżjoni dejjem għandek l-element li tista ma terbaħx. Għalaq billi qal li l-kwistjoni kollha hija li jkun hemm progetti aħjar.

29.6.7 Il-Kunsillieri tennew li f'dan l-istadju il-kwistjoni l-ispiża tas-survey iniżjali (5K) u jekk il-progett jingħata il-Kunsill irid jagħmel investiment ta Euro 20,000. F'dan il-kas, il-Kunsill ikun iggwadanja Euro 85,000.

| **29.7** | **Konklużżjoni** |
|---|---|
| | |
| 29.7.1 | Il-Kunsill ikkonkluda u laqa' il-proposa.Għaldqastant iddecida li jkompli mixi bl-applikażżjoni tieghu. |
| | |
| 29.7.2 | L-Agent Segretarju Ezekuttiv talbet lil Kunsill biex ta' l-inqas inizzel l-għazliet għal tnejn, sabiex il-gbir ta kwotażżjonijiet u informażżjoni ikun iktar maniġġabbli. B'hekk il-Kunsill mil-ewwel qata' l-stadium. Fuq suġġerimet tal-Kunsillier I.Buhagiar, l-għazla l-iktar viabli hija l-skola. Is-Sindku semmgħa li miegħu tista tiddaħħal in-nicca tal-Madonna, fejn il-Green Wall ikun standalone. |

Konfermati, illum 27 ta' April 2021.

IFFIRMATA IFFIRMATA

Conrad Borg Manche Claire Goodlip

Sindku | Aġent. Segretarju Eżekuttiv